IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.12.2020
COM(2020) 772 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) (ir-Regolament IUU)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) (ir-Regolament IUU)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL 1

1. Introduzzjoni 2

2. Is-sitwazzjoni attwali – progress mill-Komunikazzjoni tal-2015 4

2.1 Kooperazzjoni mal-Istati Membri 4

- L-Istati Membri u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati tal-bandiera 4
- L-Istati Membri u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati kostali 5
- L-Istati Membri u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati tal-port 6
- L-Istati Membri u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati tas-suq: l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid 6
- L-użu ta' sistema ta' assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u ma' pajjiżi mhux tal-UE 7

2.2 Kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE 8

- Il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi permezz tad-djalogu 8
- Il-bini ta' netwerk ta' alleati 10
- Promozzjoni ta' skemi ta' ċertifikazzjoni tal-qbid 10
- Trawwim tal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port 11
- Impatt tad-djalogi dwar l-IUU fuq il-pajjiżi fis-SFPA 11
- Appoġġ lil pajjiżi mhux tal-UE 12

2.3 Oqfsa oħra ta' kooperazzjoni internazzjonali u kooperazzjoni ma' partijiet interessati 13

3. Sfidi ewlenin fl-implimentazzjoni tar-Regolament IUU 14

3.1 Implimentazzjoni fl-UE 14

- Djalogi ma' pajjiżi mhux tal-UE 14
- Tisħiħ tal-governanza internazzjonali biex jiġi indirizzat is-sajd IUU 15
- Kooperazzjoni u koordinazzjoni 16

4. Konklużjonijiet 16

1. Introduzzjoni

Kif previst mill-Artikolu 55(1) tar-Regolament, dan ir-rapport jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU). Ir-rapport jikkunsidra prinċipalment l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fil-forma ta' tweġibiet għal kwestjonarju mibgħut mill-Kummissjoni[1] mill-aħħar Komunikazzjoni tal-1 ta' Ottubru 2015[2], iżda wkoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li l-Kummissjoni rċeviet minn xi partijiet ikkonċernati fil-perjodu partikolari. Jagħti wkoll ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tar-Regolament IUU. Fuq din il-bażi, jidentifika wkoll l-isfidi ewlenin f'termini ta' implimentazzjoni.

Is-sajd IUU jibqa' wieħed mill-akbar theddidiet għall-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd. Sfortunatament, in-natura dinamika, adattabbli u klandestina tas-sajd IUU tagħmilha impossibbli li l-impatt tiegħu jiġi stmat b'mod faċli. Madankollu, kalkoli approssimattivi jindikaw li s-sajd IUU fl-oċeani tad-dinja jlaħħaq madwar 11-26 miljun tunnellata ta' ħut kull sena, li jirrappreżenta prezz annwali ta' EUR 9-21 biljun[3].

Fil-Mira 14.4 tal-Mira Nru 14 tal-"Ħajja taħt l-Ilma", parti mill-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli adottata fl-2015, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti speċifikament ħeġġet lill-komunità internazzjonali biex *'sal-2020 tirregola b'mod effettiv il-qbid u ttemm is-sajd eċċessiv, is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat u l-prattiki tas-sajd qerrieda*[4]. Għalhekk l-UE hija impenjata bis-sħiħ biex tikseb tnaqqis kostanti fis-sajd IUU u fl-aħħar mill-aħħar li telimina l-prattika.

Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew għall-Unjoni Ewropea[5] tidentifika l-approċċ ta' tolleranza żero lejn is-sajd IUU bħala prijorità. Dan l-approċċ huwa wkoll aspett importanti tal-istrateġija tal-UE dwar il-bijodiversità għall-2030[6] u huwa essenzjali għal tranżizzjoni globali lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, kif iddikjarat fl-istrateġija "Mill-għalqa sal-platt"[7]. Jitlob għal azzjoni b'saħħitha tal-UE taħt id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd (PKS), b'mod partikolari permezz ta' sforzi biex jiġi eliminat is-sajd IUU fl-

---

1 Informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, li tkopri l-2016 u l-2017. Din l-informazzjoni tiġi pprovduta kull sentejn, abbażi ta' kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni.

2 COM(2015) 480 tal-1 ta' Ottubru 2015.

3 http://www.fao.org/3/a-i6069e.pdf

4 "*Mira 14.4: Sal-2020, jiġi regolat b'mod effettiv il-qbid u jintemm is-sajd eċċessiv, is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat u jintemmu l-prattiki tas-sajd qerrieda u jiġu implimentati pjanijiet ta' ġestjoni bbażati fuq ix-xjenza, biex l-istokkijiet tal-ħut jiġu ripristinati fl-iqsar żmien fattibbli, għallinqas sa livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli skont kif ikun iddeterminat mill-karatteristiċi bijoloġiċi tagħhom*". https://unstats.un.org/sdgs/metadata/?Text=&Goal=14&Target=14.4

5 COM(2019) 640 tal-11 ta' Diċembru 2019.

6 COM(2020) 380 tal-20 ta' Mejju 2020.

7 COM(2020) 381 tal-20 ta' Mejju 2020.

organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO)[8], fil-kuntest tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPA) tal-UE, u billi titlesta r-reviżjoni tar-regoli ta' kontroll tal-UE[9]. Il-ġlieda kontra s-sajd IUU madwar id-dinja hija wkoll element importanti tal-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani tal-2016[10]. Fl-aħħar nett, il-politika ta' ħidma biex jiġi eliminat is-sajd IUU hija rilevanti fil-kuntest tal-Aġenda dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE[11].

Is-sistema tal-UE biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU hija inkorporata fid-dritt internazzjonali dwar is-sajd, b'mod partikolari:

- il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) tal-1982,
- il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istokkijiet tal-Ħut (UNFSA) tal-1995, u
- il-Ftehim tal-1993 biex Jippromwovi l-Osservanza tal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u ta' Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd f'Ibħra Internazzjonali (Ftehim ta' Osservanza).

Dawn l-istrumenti huma interpretati u sostanzjati minn strumenti mhux vinkolanti, bħal dawk żviluppati mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO), b'mod partikolari l-Kodiċi ta' Kondotta tal-1995 għal Sajd Responsabbli (Kodiċi ta' Kondotta) u l-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tal-2001 biex is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Iddikjarat Ikun Prevenut, Skoraġġut u Eliminat (IPOA-IUU), wieħed minn diversi pjanijiet ta' azzjoni internazzjonali adottati b'rabta mal-Kodiċi ta' Kondotta. Kollettivament, dawn l-istrumenti legali – kemm dawk vinkolanti kif ukoll dawk mhux vinkolanti – jinkludu sett ta' miżuri li jsaħħu u jikkomplementaw lil xulxin.

Barra minn hekk, biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-IPOA-IUU, fl-2009 l-FAO adottat il-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat[12] (PSMA), li daħal fis-seħħ f'Ġunju 2016[13]. Il-PSMA huwa l-ewwel u l-uniku strument globali legalment vinkolanti li l-mira ewlenija tiegħu huwa li jiġi indirizzat direttament is-sajd IUU. Għalkemm ma joħloqx għodod internazzjonali ġodda biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, jistabbilixxi standards minimi għall-eżerċitar tal-ġurisdizzjoni tal-Istat tal-port fil-kuntest tas-sajd IUU. Kontribuzzjonijiet rilevanti oħra tal-FAO f'dawn l-aħħar snin jinkludu l-Linji Gwida Volontarji tal-2014 dwar il-Prestazzjoni tal-Istat tal-Bandiera u, fl-2017, il-Linji Gwida Volontarji tal-FAO għall-Iskemi ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid. L-UE kkontribwixxiet bil-kbir għal dawn l-inizjattivi, li jgħinu biex ikompli jissaħħaħ id-dritt internazzjonali tas-sajd u tiġi pprovduta gwida sinifikanti fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

L-approċċ uniku tal-UE biex jiġi indirizzat is-sajd IUU huwa mibni fuq ir-Regolament (KE) 1005/2008. Fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament, l-UE

---

8 Għal-lista dettaljata ara: http://ec.europa.eu/fisheries/cfp/international/rfmo/index_en.htm

9 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32009R1224

10 L-UE hija parteċipant attiv f'ħames RFMOs tat-tonn, fi 12-il RFMO mhux tat-tonn, u f'organizzazzjonijiet oħra tas-sajd. Għal-lista sħiħa, ara: https://ec.europa.eu/fisheries/cfp/international/rfmo_mt

11 https://ec.europa.eu/maritimeaffairs/policy/maritime-security_mt.

12 http://www.fao.org/port-state-measures/en/

13 L-UE approvat il-Ftehim permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/443/UE tal-20 ta' Ġunju 2011.

kienet il-pijuniera ta' qafas komprensiv fil-ġlieda kontra s-sajd IUU li jbiddel l-intenzjonijiet f'azzjoni u jistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi globali fis-settur tas-sajd.

Ir-Regolament jgħid li l-pajjiżi kollha, kemm jekk huma Stati Membri kif ukoll jekk huma pajjiżi mhux tal-UE, għandhom ir-responsabbiltà li jissodisfaw l-obbligi internazzjonali tagħhom bħala Stati tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq. Wera li huwa strument trasparenti u mhux diskriminatorju, li japplika għall-bastimenti kollha involuti fl-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi tas-sajd u għal kull ċittadin tal-UE involut f'attivitajiet ta' sajd taħt kwalunkwe bandiera.

Għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament IUU, l-UE hija meqjusa bħala attur ewlieni fil-ġlieda kontra s-sajd IUU madwar id-dinja. Il-perseveranza tal-azzjonijiet biex jiġi indirizzat is-sajd IUU se tkompli tikkonsolida r-rwol tal-UE f'dan il-qasam.

2. Is-sitwazzjoni attwali – progress mill-Komunikazzjoni tal-2015

Il-Komunikazzjoni tal-2015 irreferiet għal ħidma ulterjuri biex tittejjeb is-sistema attwali fis-seħħ u, possibbilment, li tiġi simplifikata u modernizzata l-implimentazzjoni tar-Regolament IUU, b'mod partikolari permezz ta' tranżizzjoni minn sistema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid ibbażata fuq il-karta għal waħda elettronika. Il-Kummissjoni ħabbret li se tkompli tikkoopera ma' pajjiżi mhux tal-UE permezz ta' djalogu u l-possibbiltà li toffri għajnuna teknika u għajnuna għall-iżvilupp lil pajjiżi mhux tal-UE biex jindirizzaw il-problemi ta' sajd IUU tagħhom.

L-erba' oqsma ta' azzjoni interkonnessi previsti mir-Regolament IUU huma:

- l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid tal-UE,
- is-sistema ta' assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri,
- il-proċess ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE, u
- il-lista ta' bastimenti IUU.

Dawn l-għodod kollha wrew li huma effettivi fil-ġlieda kontra s-sajd IUU matul dawn l-aħħar ħames snin.

Ġew reġistrati għadd ta' riżultati tanġibbli mill-aħħar Komunikazzjoni. Dan ir-rapport jippreżenta l-kisbiet ewlenin skont ir-Regolament IUU bejn l-2015 u l-2019.

2.1 Kooperazzjoni mal-Istati Membri

➢ L-Istati Membri u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati tal-bandiera

L-UE kkonsolidat l-azzjonijiet tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri bħala l-Istat tal-bandiera billi adottat miżuri ġodda biex timmaniġġja l-operazzjonijiet tal-flotta tagħha barra mill-ilmijiet tal-UE b'mod aktar effettiv (SMEFF)[14]. L-attivitajiet kollha ta' sajd tal-bastimenti tal-UE mwettqa barra mill-ilmijiet tal-UE jew li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) iridu

[14] Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:32017R2403

jkunu speċifikament awtorizzati mill-Istat Membru tal-bandiera, li huwa responsabbli wkoll għall-ġestjoni korretta ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet ta' sajd[15]. Il-Kummissjoni tittrażmetti l-awtorizzazzjonijiet lill-RFMOs rilevanti u lill-pajjiżi mhux tal-UE, sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti u l-kriterji ta' eliġibbiltà. Barra minn hekk, anki barra mill-ilmijiet tal-UE, il-bastimenti tal-UE jibqgħu soġġetti kemm għar-regoli ta' kontroll tal-UE[16] kif ukoll għal dawk stabbiliti fir-Regolament IUU.

Wara li evalwat is-sistema ta' kontroll tas-sajd attwali, il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll li tibda' tirrevediha. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tagħha ġiet adottata fit-30 ta' Mejju 2018[17]. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproponi għadd ta' bidliet għar-Regolament ta' Kontroll, kif ukoll emendi mmirati għar-Regolament IUU u għar-Regolament ta' Twaqqif tal-EFCA. L-objettiv ġenerali tar-reviżjoni huwa li tiġi mmodernizzata, imsaħħa u ssimplifika s-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE u li jiġu estiżi l-kundizzjonijiet ekwi fil-kontrolli tas-sajd. B'mod partikolari, il-proposta tiċċara, issaħħaħ u tarmonizza d-dispożizzjonijiet ta' infurzar, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri u sanzjonijiet għal ksur serju. L-ambizzjonijiet tagħha jinkludu wkoll:

- il-ħolqien ta' sistema ta' *data* aktar affidabbli u kompluta dwar is-sajd, inkluż rapportar kompletament diġitalizzat tal-qabdiet, li għandha tkun applikabbli għall-bastimenti kollha tas-sajd tal-UE[18];
- l-estensjoni tas-sistema ta' traċċar elettroniku għall-bastimenti kollha, inklużi dawk żgħar;
- l-introduzzjoni ta' proċeduri ġodda ta' użin għall-prodotti tas-sajd;
- it-tisħiħ tar-regoli dwar ir-reġistrazzjoni għas-sajd rikreattiv;
- it-titjib tat-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE u dawk importati, u
- it-tisħiħ tar-regoli dwar l-irkaptu tas-sajd.

➢ L-Istati Membri u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati kostali

Ir-regoli ta' kontroll li japplikaw għall-bastimenti tal-UE japplikaw ukoll għall-bastimenti ta' pajjiżi mhux tal-UE li joperaw fl-ilmijiet tal-UE, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mal-pajjiż mhux tal-UE kkonċernat.

Il-Kummissjoni żżomm kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri biex tiġi evitata, skoraġġuta u identifikata kwalunkwe attività ta' sajd IUU. Tħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri biex jirrapportaw kull suspett ta' sajd IUU minn bastimenti minn pajjiżi mhux tal-UE fl-ilmijiet tagħhom[19] u biex jagħmlu użu sħiħ mis-sistema ta' assistenza reċiproka biex iżommu ħut li jkun inqabad illegalment barra mis-suq tal-UE. Il-Kummissjoni tiffaċilita wkoll kooperazzjoni regolari bejn l-Istati Membri u pajjiżi mhux tal-UE.

---

[15] Ċifri dwar Ġunju 2019 (ħlief il-qasam ta' kompetenza tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran, il-GFCM): 5 843 bastiment tas-sajd, li jikkorrispondu għal 8 818-il awtorizzazzjoni tas-sajd.

[16] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunità ta' kontroll
għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd.
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32009R1224

[17] COM (2018) 368 final tat-30 ta' Mejju 2018.

[18] Inklużi bastimenti ta' inqas minn 12-il metru.

[19] Bejn l-2016 u l-2017, l-Istati Membri rrapportaw 36 lemħa ta' bastimenti tas-sajd barranin. Informazzjoni bbażata fuq rapporti tal-Istati Membri li jkopru l-2016-2017 skont l-Artikolu 55.1.

➢ L-Istati Membri u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati tal-port

Ir-Regolament dwar il-Kontroll jipprevedi qafas xieraq ta' kontroll tal-port, inkluż spezzjonijiet fil-port jew mal-ħatt l-art. Ir-Regolament IUU jikkomplementa u jipprevedi skema effettiva ta' spezzjonijiet fil-port għall-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi mhux tal-UE li jidħlu fil-portijiet tal-Istati Membri.

Fir-rapporti tagħhom lill-Kummissjoni, l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fil-portijiet u dwar il-ħatt dirett u t-trasbord ta' prodotti tas-sajd minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi mhux tal-UE[20].

Bejn l-2016 u l-2017, madwar 4 349 bastiment mhux tal-UE żbarkaw f'portijiet tal-UE, u l-Istati Membri tal-UE spezzjonaw 635 minn dawn il-bastimenti.

➢ L-Istati Membri u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati tas-suq: l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid

Bħala wieħed mill-akbar swieq fid-dinja għall-prodotti tas-sajd, l-UE għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-prodotti tas-sajd li ġejjin mis-sajd IUU ma jilħqux is-suq tagħha.

L-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid stabbilita bir-Regolament IUU wriet li hija effettiva biex iżżomm il-ħut maqbud b'dan il-mod 'il barra mis-suq tal-UE.

Aktar minn 92 pajjiż innotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet f'kull pajjiż awtorizzati li jikkonfermaw il-veraċità tal-informazzjoni stabbilita fiċ-ċertifikati tal-qbid maħruġa għall-prodotti esportati lejn is-suq tal-UE (l-'awtoritajiet kompetenti'). Bħala medja, kull sena jiġu ppreżentati madwar 200 000 ċertifikat tal-qbid u 25 000 dikjarazzjoni tal-ipproċessar lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-importazzjoni[21]. Bejn l-2016 u l-2019, l-importazzjonijiet rifjutati fis-suq tal-UE ta' prodotti tas-sajd taħt l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid IUU komplew jonqsu.

Kif antiċipat fil-Komunikazzjoni tal-2015, f'Mejju 2019 il-Kummissjoni nediet[22] sistema tal-IT imsejħa CATCH, imfassla biex tiddiġitalizza ċ-ċertifikati tal-qbid u proċeduri relatati biex jintużaw waqt l-importazzjoni. L-objettiv ta' CATCH huwa li tiġi żviluppata applikazzjoni bbażata fuq l-internet biex tappoġġja l-immaniġġjar ta' dokumenti uffiċjali u tawtomatizza l-proċeduri relatati, kif stabbilit fir-Regolament IUU. L-għan aħħari ta' tali sistema madwar l-UE kollha huwa li jiġu ffaċilitati u armonizzati l-proċeduri ta' verifika mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-importaturi tal-UE.

L-iżviluppi f'CATCH isegwu l-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar l-Iskemi ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid[23] adottati fl-2017. CATCH ġiet żviluppata fuq TRACES, pjattaforma bi 30 000 utent eżistenti minn aktar minn 80 pajjiż madwar id-dinja.

[20] Anke dan skont l-Artikolu 55.1 tar-Regolament IUU.

[21] Stima tal-Kummissjoni bbażata fuq notifiki mill-Istati Membri skont l-Artikolu 18(5) tar-Regolament IUU.

[22] Bħala medja, kull sena jiġu allokati EUR 350 000 għall-iżvilupp ta' CATCH.

[23] http://www.fao.org/iuu-fishing/international-framework/voluntary-guidelines-for-catch-documentation-schemes/en/

TRACES ilha tintuża mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-importaturi tal-UE mill-2005 għall-kontrolli li jinvolvu rekwiżiti sanitarji għall-kummerċ intra-UE u għall-importazzjonijiet ta' annimali, ta' ikel, għalf u pjanti; issa qed tintuża wkoll biex jiġu verifikati ċ-ċertifikati tal-qbid. Il-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tar-Regolament ta' Kontroll tinkludi dispożizzjonijiet legali dwar l-użu ta' CATCH. L-użu obbligatorju ta' CATCH jiddependi fuq il-finalizzazzjoni tar-reviżjoni kurrenti tas-sistema ta' kontroll tas-sajd u d-dħul fis-seħħ tagħha. Sadanittant, il-pajjiżi tal-UE u l-operaturi nazzjonali tagħhom jużawha fuq bażi volontarja[24].

Il-Kummissjoni qed tiffoka fuq il-ħidma li għaddejja bħalissa mis-CEFACT tan-NU (iċ-Ċentru tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Faċilitazzjoni tal-kummerċ u għan-Negozju Elettroniku) biex tesplora l-użu possibbli tal-format FLUX biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tal-ambjenti tal-IT ta' pajjiżi mhux tal-UE ma' CATCH għall-kontrolli fuq prodotti tas-sajd. Qed taħdem ukoll biex tiġi stabbilita sistema elettronika għall-iskambju ta' ċertifikati (CSW-CERTEX tal-UE[25]) għad-dwana kollha tal-UE taħt l-inizjattiva tal-UE għal 'sistema ta' single window marittima Ewropea'. CATCH mistennija ssir parti mis-CSW-CERTEX tal-UE.

- L-użu ta' sistema ta' assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u ma' pajjiżi mhux tal-UE

Is-sistema ta' assistenza reċiproka stabbilita mill-Artikolu 51 tar-Regolament IUU tat xhieda tal-valur tagħha biex tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw ir-Regolament IUU. L-Istati Membri kollha ħatru uffiċjali uniċi ta' kollegament dwar l-IUU biex jindirizzaw dan il-kompitu.

Is-sistema tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u ma' pajjiżi mhux tal-UE. Dan huwa essenzjali biex jiġi żgurat li s-sajd IUU jiġi investigat u sanzjonat kif suppost. Is-sistema ffaċilitat skambju kontinwu ta' informazzjoni dwar twissijiet, intelligence, u r-riżultati ta' investigazzjonijiet li jkunu saru fejn ikun hemm ħjiel ta' attivitajiet ta' sajd IUU.

Mill-2015, il-Kummissjoni bagħtet aktar minn 170 twissija lill-uffiċjali uniċi ta' kollegament tal-Istati Membri biex jiggwidaw il-kontrolli li jagħmlu fuq sitwazzjonijiet ta' riskju u biex jitolbu investigazzjonijiet dwar preżunti attivitajiet ta' sajd IUU u ksur serju. L-Istati Membri jinvokaw ukoll b'mod regolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolament IUU dwar l-assistenza reċiproka biex jikkooperaw ma' xulxin u mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi mhux tal-UE. B'mod ġenerali, dan tejjeb l-implimentazzjoni tar-Regolament IUU. L-użu attiv tal-assistenza reċiproka wera li hija effettiva biex timblokka l-importazzjoni fis-suq tal-UE ta' prodotti tas-sajd li l-valur tagħhom ilaħħaq il-miljuni ta' euro li ġejjin mis-sajd IUU, speċjalment mill-Qarn tal-Afrika.

[24] Għal aktar informazzjoni dwar is-sistema, ara: https://ec.europa.eu/fisheries/sites/fisheries/files/docs/body/catch-it-system_en.pdf

[25] https://ec.europa.eu/taxation_customs/general-information-customs/electronic-customs/eu-single-window-environment-for-customs_en

2.2 Kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE

Mill-2015, il-Kummissjoni kompliet tinteraġixxi ma' diversi pajjiżi mhux tal-UE u tappoġġjahom biex iwettqu riformi fundamentali tal-politiki tas-sajd tagħhom. Dawn ir-riformi wasslu għal reviżjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, biex ġabuha konformi mal-obbligi internazzjonali; strutturi amministrattivi aktar b'saħħithom; u sistemi msaħħa ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza (MCS). B'dan il-mod, il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs) tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE għenu wkoll biex tissaħħaħ il-governanza, filwaqt li fl-istess ħin tejbu l-kapaċità tal-pajjiżi mhux tal-UE u l-użu tagħhom ta' għodod għall-ġlieda kontra s-sajd IUU. Ġew implimentati miżuri speċifiċi bl-użu tal-komponent ta' appoġġ settorjali tal-SFPAs.

B'mod ġenerali, il-pajjiżi mhux tal-UE ħadu pożizzjoni attiva dwar il-problema tas-sajd IUU u wrew rieda li jieħdu azzjoni aktar b'saħħitha. Dan juri s-sjieda tar-riformi li jġibu s-sistemi ta' kontroll tas-sajd tagħhom konformi mal-istandards internazzjonali. Madankollu, l-esperjenza turi wkoll li riżultati dejjiema fil-forma ta' konformità stabbli mar-regoli dwar is-sajd jistgħu jinkisbu biss b'rieda politika b'saħħitha u persistenti.

➢ Il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi permezz tad-djalogu

Id-djalogi bilaterali dwar is-sajd IUU ma' pajjiżi mhux tal-UE jibqgħu l-qofol għal kooperazzjoni skont ir-Regolament IUU.

Jekk il-Kummissjoni tinvolvix ruħha jew le fi djalogu jiddependi minn serje ta' indikaturi li jiddeterminaw l-effiċjenza tal-miżuri meħuda minn pajjiżi differenti biex jiġġieldu s-sajd IUU.

Din il-valutazzjoni tqis jekk il-pajjiżi mhux tal-UE jaġixxux bħala Stati tal-bandiera, kostali, tal-port jew tas-suq. L-indikaturi rilevanti jinkludu l-konformità mal-istrumenti tad-dritt internazzjonali, l-implimentazzjoni ta' linji gwida volontarji, l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri tal-RFMOs, il-politika dwar il-flotta, il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll tal-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali, l-oqfsa ta' infurzar, u l-iskala tal-produzzjoni tas-sajd (stokkijiet, flotot) jew il-flussi kummerċjali. Il-valutazzjoni tqis ukoll l-informazzjoni dwar l-istorja ta' pajjiż fir-rigward tas-sajd IUU, b'attenzjoni partikolari fuq ir-restrizzjonijiet speċifiċi li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fejn rilevanti.

Sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni pparteċipat fi djalogi jew f'forom oħra ta' kooperazzjoni ma' aktar minn 60 pajjiż. Fil-kuntest ta' 26 djalogu li saru mill-2012 'l hawn[26], permezz tal-appoġġ attiv tal-Kummissjoni, 15-il sieħeb irriformaw b'suċċess is-sistemi ta' ġestjoni tas-sajd tagħhom billi allinjaw l-oqfsa legali tagħhom fuq l-obbligi internazzjonali bħala Stati tal-bandiera, tal-port u tas-suq.

Madankollu, f'każijiet oħra, id-djalogu informali mhuwiex ta' deterrent biżżejjed biex iġiegħel lil pajjiż mhux tal-UE jindirizza n-nuqqasijiet identifikati.

Ir-Regolament IUU jistabbilixxi s-"sistema ta' ħruġ ta' karti ta' twissija"[27], li issa hija magħrufa sew, li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tinnotifika pajjiż mhux tal-UE bir-

[26] L-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008.

[27] https://ec.europa.eu/fisheries/sites/fisheries/files/illegal-fishing-overview-of-existing-procedures-third-countries_en.pdf

riskju li jiġi identifikat bħala pajjiż li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU (proċedura ta' identifikazzjoni minn qabel, "karta safra"). Il-Kummissjoni tipparteċipa fi djalogu formali mal-pajjiż identifikat minn qabel u tistabbilixxi kooperazzjoni abbażi ta' pjan ta' azzjoni.

Mill-aħħar tal-2015, tneħħew b'suċċess seba' karti sofor, wara l-kisba ta' riformi importanti fis-settur tas-sajd fil-pajjiżi kkonċernati. Fl-istess perjodu, inħarġu disa' karti sofor, li fformalizzaw id-djalogi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati[28].

F'każijiet fejn il-pajjiż identifikat minn qabel jonqos milli jsolvi l-problemi rapportati, u jinjora l-obbligi internazzjonali tiegħu, il-Kummissjoni tidentifikah bħala pajjiż li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU (il-proċedura ta' identifikazzjoni, 'karta ħamra').

Filwaqt li l-identifikazzjoni minn qabel ma tinvolvix sanzjonijiet, il-proċedura ta' identifikazzjoni għandha konsegwenzi importanti, inklużi projbizzjonijiet fuq il-kummerċ. L-Istati Membri huma obbligati jirrifjutaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd tal-baħar slavaġ li jinqabdu minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-pajjiż mhux tal-UE kkonċernat.

L-identifikazzjoni tiġi segwita minn proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill biex il-pajjiż jitqiegħed fuq il-lista ta' pajjiżi mhux tal-UE li ma jikkooperawx (il-"proċedura ta' tniżżil fuq lista sewda").

Dan it-'tniżżil fuq lista sewda' jinvolvi miżuri lil hinn mill-projbizzjoni tal-importazzjonijiet, bħal pereżempju:

- projbizzjoni fuq ix-xiri ta' bastimenti tas-sajd mill-pajjiż ikkonċernat;
- projbizzjoni fuq dawk il-pajjiżi li jissostitwixxu l-bandiera ta' bastimenti tas-sajd b'bandiera ta' Stat Membru;
- ma jsirux ftehimiet ta' noleġġ;
- projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' bastimenti tas-sajd tal-UE;
- projbizzjoni ta' ftehimiet kummerċjali privati ma' ċittadini tal-UE;
- projbizzjoni ta' operazzjonijiet tas-sajd konġunti mal-UE;
- denunzja possibbli ta' ftehimiet jew ta' sħubijiet tas-sajd bilaterali permanenti; u/jew
- ma jsirux aktar negozjati biex jiġu konklużi ftehimiet jew sħubijiet bilaterali relatati mas-sajd.

Mill-aħħar tal-2015, tneħħiet b'suċċess karta ħamra waħda, u l-pajjiż ikkonċernat tneħħa mil-lista wara riformi kbar miksuba. Matul l-istess perjodu, inħarġu żewġ karti ħomor, li fformalizzaw id-djalogi dwar l-aktar nuqqasijiet rilevanti identifikati, bil-Kunsill sussegwentement iniżżel il-pajjiżi kkonċernati fuq lista sewda[29]. F'każ wieħed kien meħtieġ li jiġi denunzjat ftehim ta' sħubija dwar sajd sostenibbli skont l-Artikolu 38 tar-Regolament IUU.

Il-kooperazzjoni permezz ta' djalogi ma' pajjiżi mhux tal-UE tikseb riżultati tanġibbli u twassal għal governanza aħjar, b'mod partikolari:

[28] Ibid.

[29] Ibid.

- leġiżlazzjoni riveduta;
- adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali (NPOA) skont l-IPOA-IUU tal-FAO;
- sanzjonijiet aktar b'saħħithom;
- kooperazzjoni, koordinazzjoni u mobilizzazzjoni aħjar tal-awtoritajiet rilevanti differenti; u
- impenn politiku lejn il-ġlieda kontra s-sajd IUU fl-ogħla livell.

Il-proċessi ta' djalogu pprovdew qafas għall-pajjiżi biex isaħħu s-sistemi MCS permezz ta' monitoraġġ imtejjeb tal-attivitajiet tas-sajd, inklużi rekwiżiti ta' sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) għall-flotot nazzjonali u dawk fl-ilmijiet imbiegħda, u proċeduri ta' spezzjoni u ta' kontroll. Madankollu, kif muri mill-aktar karta safra reċenti, in-nuqqas ta' impenn jista' jwassal malajr għal deterjorament tal-oqfsa stabbiliti għall-ġlieda kontra s-sajd IUU, li jwassal għall-ħruġ tat-tieni karta ta' twissija.

➢ Il-bini ta' netwerk ta' alleati

Il-ġlieda kontra s-sajd IUU teħtieġ azzjoni koordinata, u l-ebda pajjiż ma jista' jikseb dan jekk jaġixxi waħdu. L-esperjenza wriet li l-ġlieda kontra s-sajd IUU hija ħafna aktar effettiva jekk ikun hemm sinerġiji fuq livell reġjonali, aktar milli l-azzjoni ta' pajjiżi waħedhom. Kull meta pajjiż isaħħaħ is-sistema ta' kontrolli tiegħu fuq is-sajd IUU, hemm ir-riskju li dawk li jiksru r-regoli jistgħu jiċċaqalqu lejn pajjiżi oħra b'liġijiet u kontrolli inqas stretti.

Għalhekk is-suċċess jintlaħaq bl-involviment tal-akbar numru ta' pajjiżi possibbli f'approċċ proattiv u viġilanti kontinwu kontra s-sajd IUU fuq livell internazzjonali. Ġew stabbiliti diversi gruppi ta' ħidma bilaterali dwar is-sajd IUU ma' pajjiżi ewlenin tas-sajd. Dawn iservu bħala pjattaformi għal skambji regolari, kif ukoll għal segwitu rilevanti għall-ġlieda kontra s-sajd IUU.

B'mod konformi mad-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd, l-UE[30] tippromwovi azzjonijiet fl-RFMOs abbażi tal-prinċipji u l-istandards tal-UE. Flimkien ma' pajjiżi oħra, l-UE appoġġat b'mod attiv l-isforzi biex tingħata spinta lill-miżuri kontra s-sajd IUU fl-RFMOs, inkluż l-elenkar reċiproku tal-bastimenti IUU fost l-RFMOs u dispożizzjonijiet li jippenalizzaw liċ-ċittadini involuti fis-sajd IUU.

Il-Kummissjoni qed tappoġġja diversi inizjattivi reġjonali, bħall-ħolqien ta' Netwerk IUU fl-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), pjattaforma operazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni f'ħin reali li tappoġġja l-attivitajiet ta' kuljum tal-membri tal-ASEAN b'mod prattiku ħafna. Proġetti reġjonali għall-bini tal-kapaċitajiet biex jappoġġjaw l-iżvilupp u l-ġestjoni tas-sajd, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-ġlieda kontra s-sajd IUU, ikomplu jappoġġjaw il-kooperazzjoni ma' korpi reġjonali u sottoreġjonali.

➢ Promozzjoni ta' skemi ta' ċertifikazzjoni tal-qbid

Parti importanti mid-djalogi ma' pajjiżi mhux tal-UE tiffoka fuq is-sistemi ta' traċċabilità tagħhom għall-importazzjonijiet u għall-esportazzjonijiet. Pajjiżi mhux tal-UE huma meħtieġa juru l-kapaċità tagħhom li joħorġu ċertifikati tal-qbid affidabbli. F'konformità

[30] Rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea.

mal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar l-Iskemi ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid, il-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet għal titjib u f'xi każijiet tipprovdi taħriġ fuq il-post dwar il-validazzjoni taċ-ċertifikati tal-qbid tal-UE u t-twettiq ta' kontrolli relatati.

- Trawwim tal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port

Il-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port (PSMA) daħal fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju 2016. L-UE approvat il-Ftehim permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2011[31].

Il-PSMA huwa l-ewwel ftehim internazzjonali vinkolanti li jimmira speċifikament lis-sajd IUU. L-objettiv tiegħu huwa li jimpedixxi, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU billi jimpedixxi lill-bastimenti involuti f'attivitajiet ta' sajd IUU milli jużaw il-portijiet u jħottu l-qabdiet tagħhom l-art. Il-PSMA għalhekk inaqqas l-inċentiv ta' tali bastimenti milli jkomplu joperaw, filwaqt li jimblokka wkoll prodotti tas-sajd miksuba permezz tas-sajd IUU milli jilħqu s-swieq nazzjonali u internazzjonali.

L-għadd ta' partijiet għall-PSMA issa jaqbeż il-65. Dan huwa verament suċċess. Ħafna mill-partijiet il-ġodda aderixxew u rratifikaw il-PSMA – parzjalment bis-saħħa tad-djalogi tagħhom dwar l-IUU mal-UE – billi introduċew riformi fis-sistemi legali tagħhom fir-rigward tas-sajd.

Madankollu, ir-ratifika hija biss l-ewwel pass biex dan it-trattat jitqiegħed fil-prattika. Il-PSMA jipprevedi wkoll mekkaniżmi ta' finanzjament għall-Istati li qed jiżviluppaw, b'assistenza teknika u bini tal-kapaċitajiet pprovduti permezz tal-Programm għall-Bini tal-Kapaċitajiet Globali tal-FAO. L-UE u l-Kummissjoni jipprovdu finanzjament b'sostenn għal dan il-programm.

- Impatt tad-djalogi dwar l-IUU fuq il-pajjiżi fis-SFPA

Hemm konnessjoni ċara bejn ir-rwol tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs)[32] tal-UE ma' pajjiżi sħab u l-ġlieda tal-UE kontra s-sajd IUU. Attwalment hemm 20 SFPA ma' pajjiżi sħab fl-Oċean Atlantiku, dak Indjan u Paċifiku, li 13 minnhom għandhom protokolli attivi li jippermettu attivitajiet ta' sajd.

L-SFPAs jappoġġjaw l-objettivi tal-politika dwar l-IUU permezz ta' għodod li jinkludu programmi ta' bini tal-kapaċitajiet u taħriġ, u billi jsaħħu s-sistemi MCS, inklużi sistemi ta' rapportar elettroniku, eċċ. Dan għandu riperkussjonijiet pożittivi fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

Sabiex tiġi żgurata l-koerenza tad-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd, il-Kummissjoni tipproponi li kull ftehim bilaterali dwar is-sajd jew ftehim ta' sħubija dwar is-sajd jiġi denunzjat jekk pajjiż mhux tal-UE jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu li jiġġieled is-sajd IUU, kif stipulat fl-Artikolu 38 tar-Regolament IUU.

[31] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar miżuri tal-Istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux rappurtat u Mhux Regolat (2011/443/UE).

[32] https://ec.europa.eu/fisheries/cfp/international/agreements_mt

Filwaqt li l-elenkar ta' pajjiż mhux tal-UE bħala wieħed li ma jikkooperax fir-rigward tas-sajd IUU (jingħata 'karta ħamra') iwassal għall-waqfien tal-SFPA fis-seħħ, il-Kummissjoni, fuq inizjattiva proprja, ma ġġedditx protokoll tal-SFPA ma' pajjiżi li ma jkunux indirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fil-karti sofor.

➢ Appoġġ lil pajjiżi mhux tal-UE

Ħafna drabi d-djalogi dwar l-IUU jkunu akkumpanjati minn programmi ta' appoġġ minn sorsi differenti.

L-UE, f'kuntatt mill-qrib mal-FAO u mal-Bank Dinji, tippromwovi l-koordinazzjoni fost id-diversi forniturі ta' appoġġ biex tiżgura li l-appoġġ jiġi dirett bi tweġiba għal ħtiġijiet identifikati. Din għandha tevita wkoll id-duplikazzjoni tal-appoġġ.

L-UE u l-Kummissjoni jipprovdu finanzjament taħt il-Programm għall-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet Globali tal-FAO. Dan il-programm huwa mfassal biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jimplimentaw il-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port permezz ta' assistenza teknika u bini tal-kapaċitajiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, ħafna drabi flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), ipprovdiet sessjonijiet personalizzati ta' bini tal-kapaċitajiet dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-qbid, għodod u politika dwar l-MCS lil ċerti pajjiżi mhux tal-UE, bi tweġiba għal talbiet speċifiċi.

Sabiex jissaħħu l-kontrolli fuq l-informazzjoni fiċ-ċertifikati tal-qbid, mill-2016 il-Kummissjoni ffaċilitat ukoll l-iżvilupp mill-EFCA u mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) ta' funzjonalitajiet ġodda fl-għodod ta' sorveljanza elettronika tal-EFCA (Servizzi Marittimi Integrati tal-EFCA). L-għan ta' dawn il-funzjonalitajiet huwa li jgħinu u jżidu d-deterrenza tal-IUU madwar id-dinja (pereżempju lil hinn mill-kosta tal-Afrika tal-Punent u fiż-żoni tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Artiku). Il-Kummissjoni għenet ukoll lill-EFCA biex twettaq diversi azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet għall-ispetturi tas-sajd f'pajjiżi mhux tal-UE.

L-UE tipprovdi finanzjament għall-iżvilupp dedikat għall-Afrika, għar-reġjun tal-Oċean Paċifiku u tal-Oċean Indjan biex issostni l-iżvilupp u l-ġestjoni tas-sajd sostenibbli. Dan jinkludi azzjoni biex tingħata spinta lill-kapaċità tagħhom biex jiġġieldu s-sajd IUU. B'mod partikolari, l-UE impenjat:

- EUR 35 miljun għall-Istati AKP tal-Paċifiku, taħt il-Programm ta' Sħubija dwar il-Baħar bejn il-Paċifiku u l-Unjoni Ewropea (PEUMP)[33],
- EUR 15-il miljun għall-Afrika tal-Punent, taħt il-programm ta' governanza mtejba tas-sajd reġjonali fl-Afrika tal-Punent (PESCAO)[34], u
- EUR 28 miljun għar-reġjun tal-Oċean Indjan, taħt il-programm ECOFISH[35].

Fir-rigward tal-PEUMP, il-baġit allokat għall-azzjoni kontra s-sajd IUU huwa ta' EUR 3.9 miljun. Il-miżuri kkonċernati huma mfassla biex itejbu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza kemm tas-sajd oċeaniku kif ukoll dak kostali, il-leġiżlazzjoni, l-aċċess għall-informazzjoni (trasparenza), u l-ġestjoni effettiva taż-żona tal-baħar.

[33] Iffinanzjat taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32015R0322&from=MT.
[34] Ibid.
[35] Ibid.

Għall-PESCAO, l-ammont ippjanat għall-miżuri u għall-proġetti IUU huwa ta' EUR 7.9 miljun. Il-miżuri taħt dan il-proġett jinkludu assistenza teknika pprovduta mill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) lill-Kummissjoni Sottoreġjonali tas-Sajd (SRFC), lill-Kumitat tas-Sajd għall-Golf tal-Guinea Ċentrali tal-Punent (FCWC) u lill-pajjiżi membri tagħhom, b'mod koordinat, bl-użu tal-esperjenza miksuba fil-kuntest tal-UE. B'mod speċifiku, fl-2019 l-EFCA għamlet ħames sessjonijiet ta' taħriġ fir-reġjun dwar il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd kif ukoll dwar l-ispezzjonijiet u l-użu tal-VMS, l-AIS, il-komunikazzjonijiet bir-radju u l-immaġni bis-satellita. Barra minn hekk hija pprovdiet appoġġ għal reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sajd f'pajjiż wieħed u għall-adozzjoni ta' NPOA-IUU f'pajjiż ieħor. Permezz tal-PESCAO, fl-2019, l-SRFC organizza tliet kampanji ta' kontroll konġunti, bil-parteċipazzjoni ta' mill-inqas tliet pajjiżi membri u bl-appoġġ tal-EFCA u tal-flotta Franċiża. Dawn irriżultaw f'157 spezzjoni. Il-PESCAO se jappoġġja l-implimentazzjoni ta' sistemi reġjonali tal-VMS fiż-żewġ sottoreġjuni, u b'hekk tiżdied b'mod sinifikanti l-kapaċità tagħhom biex jiġġieldu s-sajd IUU.

Il-programm ECOFISH jinkludi pilastru speċifiku biex jagħti spinta lill-kapaċità għall-ġlieda kontra s-sajd IUU fl-Oċean Indjan tal-Punent. EUR 4.4 miljun huma allokati għal proġetti mfassla l-aktar biex jipprovdu taħriġ lill-ispetturi tas-sajd, jippermettu l-parteċipazzjoni f'viġilanza konġunta, u jiffaċilitaw l-użu u l-iskambju ta' *data* mill-VMS fuq livell reġjonali[36].

L-UE appoġġat ukoll lill-pajjiżi sħab fl-iżgurar tal-implimentazzjoni xierqa tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni tal-qbid, b'mezzi bħal workshops organizzati permezz tal-Gruppi ta' Ħidma dwar l-IUU ma' nazzjonijiet tas-sajd ewlenin barra mill-UE.

2.3 Oqfsa oħra ta' kooperazzjoni internazzjonali u kooperazzjoni ma' partijiet interessati

L-għarfien dwar l-importanza tal-ġlieda kontra s-sajd IUU żdied b'mod sinifikanti madwar id-dinja f'dawn l-aħħar snin. Is-sajd IUU sar suġġett rikorrenti f'fora bħall-G20, il-G7 u l-Forum Ekonomiku ta' Davos.

Il-Kummissjoni intensifikat il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali bħall-Bank Dinji, il-FAO, l-Interpol, u l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), biex tiġi żgurata konsistenza bejn il-miżuri meħuda u biex jinħolqu sinerġiji fil-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE speċifiċi.

Il-kooperazzjoni strutturata mal-EU NAVFOR[37] tejbet l-identifikazzjoni tas-sajd IUU lil hinn mill-Qarn tal-Afrika. Il-koordinazzjoni mal-miżuri meħuda skont l-Aġenda dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE hija benefiċċjali wkoll biex ir-rispons għal theddid potenzjali li jinvolvi s-sajd IUU u reati relatati fuq il-baħar ikun wieħed strutturat.

[36] L-Anness 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Azzjoni Annwali għall-2018 favur l-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan li se jiġi ffinanzjat mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

[37] Bl-użu tal-informazzjoni pprovduta mill-EU NAVFOR, il-Kummissjoni tanalizza u tittrażmetti lill-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja l-ilmiħ u l-immaġnijiet mill-ajru ta' bastimenti li jistgħu jkunu involuti f'attivitajiet ta' sajd u relatati mas-sajd, speċjalment attivitajiet li jistgħu jitqiesu li jiksru r-regoli applikabbli dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni.

Il-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal u l-Kunsill għas-Swieq huma tip ta' forum wieħed għall-kooperazzjoni u għall-iskambji kontinwi mal-partijiet interessati. Il-Kummissjoni tirċievi wkoll twissijiet u *data* mingħand organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) dwar suspettati attivitajiet ta' sajd IUU f'diversi partijiet tad-dinja. Issegwi wkoll djalogi regolari mal-NGOs dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sajd IUU.

Anke l-NGOs għandhom rwol importanti fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Huma jwettqu diversi inizjattivi intiżi biex jgħinu lill-pajjiżi koperti minn djalogi dwar is-sajd IUU bl-isforzi tagħhom ta' aġġustament. Pereżempju, jgħinu biex jiġu identifikati l-isfidi u s-soluzzjonijiet possibbli. L-appoġġ tagħhom huwa strumentali biex tiġi influwenzata l-imġiba tal-operaturi u l-għażliet tal-konsumaturi. Barra minn hekk, l-NGOs jipprovdu informazzjoni utli dwar suspettati attivitajiet ta' sajd IUU, li l-Kummissjoni ssegwi kif xieraq.

3. Sfidi ewlenin fl-implimentazzjoni tar-Regolament IUU

3.1 Implimentazzjoni fl-UE

Sakemm il-miżuri u s-sanzjonijiet għal ksur serju jibqgħu jvarjaw bejn l-Istati Membri tal-bandiera minħabba interpretazzjoni differenti tar-regoli ta' infurzar, se jkun impossibbli li jkun hemm kundizzjonijiet kompletament ekwi fl-UE. Biex tindirizza dan, il-proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE tiċċara, issaħħaħ u tarmonizza d-dispożizzjonijiet dwar l-infurzar attwalment stabbiliti kemm fir-Regolament ta' Kontroll attwali kif ukoll fir-Regolament IUU. Se jkun importanti li jintlaħaq ftehim bejn il-koleġiżlaturi li jissalvagwardja dan l-objettiv.

Bl-istess mod, din ir-reviżjoni trid tistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-użu obbligatorju taċ-ċertifikat tal-qbid diġitali (CATCH) sabiex tiġi massimizzata l-effiċjenza tal-iskema. Fuq livell aktar tekniku, hemm bżonn li tiġi żgurata l-interoperabbiltà tagħha ma' ambjenti oħrajn tal-IT fl-UE (pereżempju biex tippermetti l-iskambju ta' ċertifikati elettroniċi bejn l-amministrazzjonijiet doganali kollha tal-UE – CERTEX), kif ukoll ma' ambjenti tal-IT għall-kontroll tas-sajd ta' pajjiżi mhux tal-UE teħtieġ, preferibbilment permezz ta' soluzzjoni unika[38]. Is-CERTEX tista' tgħin biex tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-kontroverifiki interaġenzjali fuq l-importazzjonijiet.

➢ Djalogi ma' pajjiżi mhux tal-UE

L-isfida ewlenija, li ta' spiss tiġi ffaċċjata fl-implimentazzjoni tar-Regolament IUU fir-rigward ta' pajjiżi mhux tal-UE, hija li tinkiseb biżżejjed rieda politika biex jiġu riveduti l-oqfsa legali u jiġu allinjati mal-obbligi internazzjonali rilevanti. F'dan il-kuntest, huwa kruċjali li jiġu determinati miżuri u sanzjonijiet dissważivi, proporzjonati u immedjati biex jiġi żgurat li t-trasgressuri ma jagħmlux qligħ mill-attivitajiet ta' sajd IUU.

[38] Bħalissa l-UN/CEFACT (iċ-Ċentru tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u n-Negozju Elettroniku) għaddej b'ħidma importanti biex jesplora l-possibbiltà li f'dan il-kuntest jintuża l-format FLUX.

Ladarba l-qafas legali jkun fis-seħħ, l-isfida ewlenija hija li dan jiġi implimentat b'mod effettiv u proattiv. Dan jeħtieġ iż-żmien, ir-riżorsi, ir-rieda, il-ħiliet u l-għarfien espert. Għalhekk hemm bżonn li tingħieb assistenza teknika u li jinkiseb appoġġ finanzjarju, ipprovduti minn aġenziji speċjalizzati. Il-finanzjament ta' tali bini tal-kapaċitajiet irid ikun ikkoordinat sabiex tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn tal-isforzi. F'dan ir-rigward, l-esperjenza turi li hemm bżonn li l-avukati pubbliċi, l-imħallfin u persunal legali ieħor jitgħallmu aktar dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-leġiżlazzjoni tas-sajd, kif ukoll dwar l-obbligi assoċjati ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza (MCS). Il-bini tal-kapaċitajiet ipprovdut mill-aġenziji speċjalizzati tal-organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti bħall-FAO, il-UNODC jew l-INTERPOL joffri opportunità unika biex jiġi żgurat li t-trasgressuri jiġu mċaħħda mill-benefiċċji tal-attivitajiet illegali tagħhom.

Sfida oħra, applikabbli għal perjodu itwal ta' żmien, hija li tiġi evitata r-reċidività. Hawnhekk l-objettiv ewlieni li għandu jiġi segwit huwa li tiġi sostnuta r-rieda politika neċessarja.

- Tisħiħ tal-governanza internazzjonali biex jiġi indirizzat is-sajd IUU

Ir-ratifikar kontinwu u l-implimentazzjoni effettiva u sħiħa tal-PSMA mill-partijiet kollha se jkunu waħda mill-isfidi ewlenin matul il-ftit snin li ġejjin. L-UE se tospita t-Tielet Laqgħa tal-Partijiet għall-PSMA fi Brussell. Din il-laqgħa multilaterali importanti ħafna se tkun l-ewwel opportunità li qatt kien hemm biex tiġi riveduta u evalwata l-effikaċja tal-Ftehim. F'din l-okkażjoni, il-FAO se tippreżenta wkoll l-istat tal-ħidma fuq l-iżvilupp ta' Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni Globali (GIES) sabiex tiffaċilita l-iskambji ta' informazzjoni bejn il-partijiet għall-ftehim dwar każijiet fejn ma ġiex awtorizzat id-dħul f'portijiet u r-riżultati ta' spezzjonijiet. Għal darb'oħra, l-iżviluppi fl-IT se jikkostitwixxu kemm opportunità kif ukoll sfida fir-rigward tal-interoperabbiltà ma' oqfsa oħra tal-IT.

Fil-kuntest tal-RFMO, l-isfida hija li jintlaħaq kunsens dwar miżuri kontra l-IUU bejn il-partijiet kontraenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-elenkar reċiproku tal-bastimenti IUU fost l-RFMOs, l-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet kontra ċittadini involuti fis-sajd IUU, u regoli aktar trasparenti dwar is-sjieda benefiċjarja tal-bastimenti.

Sfida kbira oħra tinħoloq meta Stati tal-bandiera 'jbiegħu' il-bnadar tagħhom lill-operaturi ta' pajjiżi mhux tal-UE. Dawn l-Istati, li l-bnadar tagħhom spiss jissejħu 'bnadar ta' konvenjenza', ħafna drabi jonqsu milli jeżerċitaw ġurisdizzjoni jew kontroll effettiv fuq il-bastimenti reġistrati taħt il-bandiera tagħhom. L-isfida hija li jiġi żgurat li dawn il-pajjiżi jirrispettaw ir-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati tal-bandiera skont id-dritt internazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd, u li jiggarantixxu kooperazzjoni interaġenzjali mtejba bejn l-awtoritajiet ta' kontroll tas-sajd u l-awtoritajiet responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-bastimenti tas-sajd (inklużi bastimenti li joffru trasport refriġerat u bastimenti ta' servizz).

It-trasparenza hija kruċjali biex jiġi żgurat kontroll aħjar u biex jiġi skoraġġut is-sajd IUU possibbli. Aktar informazzjoni dwar ir-regoli applikabbli u l-bastimenti kkonċernati jeħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku. Il-pajjiżi kollha huma meħtieġa jippubblikaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi

tagħhom u dwar il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd li joperaw taħt il-bandiera tagħhom u tal-bastimenti minn pajjiżi mhux tal-UE li jwettqu attivitajiet ta' sajd fl-ilmijiet tagħhom (inklużi reġistri tal-flotot pubbliċi, liċenzji u awtorizzazzjonijiet tas-sajd u li jipparteċipaw fir-Reġistru Globali tal-Bastimenti tas-Sajd, tal-Bastimenti li joffru Trasport Refriġerat u tal-Bastimenti tas-Servizz tal-FAO). Hemm bżonn ta' ftehimiet aktar trasparenti dwar l-aċċess għas-sajd, bħall-karatteristiċi tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli tal-UE (SFPAs)[39].

- Kooperazzjoni u koordinazzjoni

Il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet tax-xogħol fis-settur tas-sajd huwa spiss assoċjat mas-sajd IUU. L-applikazzjoni tar-Regolament IUU tista' tgħin biex jinkixfu tali abbużi. Barra minn hekk, l-esperjenza turi li strutturi u għodod imtejba għall-kontroll tas-sajd wasslu għal titjib fl-indirizzar ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol. Madankollu, fih innifsu r-Regolament IUU mhuwiex l-għodda adatta biex jiġi indirizzat dan il-ksur, minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa limitat b'mod ċar għas-sajd IUU kif definit fid-dritt internazzjonali. Għalhekk dawn l-isfidi usa' jeħtieġu qafas legali differenti u xieraq.

Il-politika kontra s-sajd IUU tinteraġixxi dejjem aktar mal-politiki tax-xogħol, tad-dwana, tal-kummerċ u tat-trasport, mar-rekwiżiti sanitarji, mar-repressjoni tal-frodi u ta' atti kriminali bħall-evażjoni tat-taxxa jew il-ħasil tal-flus. Koordinazzjoni interna aktar b'saħħitha (fost id-dipartimenti differenti tal-Kummissjoni u mas-SEAE) għenet lill-Kummissjoni toħloq sinerġiji u żiedet l-effikaċja tagħhom. Dawn l-isforzi għandhom ikomplu, iżda hemm sfida oħra: li jiġu żgurati mezzi xierqa għall-kooperazzjoni u għall-koordinazzjoni fuq livell internazzjonali. Anke l-kooperazzjoni interaġenzjali fil-livell tal-Istati Membri għandha tiġi mħeġġa aktar.

4. Konklużjonijiet

Ir-Regolament IUU kompla jipprovdi qafas komprensiv u effettiv għall-ġlieda kontra s-sajd IUU fl-UE. Huwa sistema unika: minn naħa waħda, jimpedixxi prodotti li joriġinaw mis-sajd IUU milli jidħlu fis-suq tal-UE; min-naħa l-oħra, id-djalogi ma' pajjiżi mhux tal-UE jimmultiplikaw l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU madwar id-dinja.

Is-sistema ta' ħruġ ta' karti ta' twissija skont ir-Regolament IUU saret għodda rikonoxxuta fuq livell internazzjonali għall-progress fil-ġlieda kontra s-sajd IUU u biex tiġbed aktar attenzjoni lejn din il-pjaga dinjija. Is-suċċess tagħha huwa parzjalment dovut għall-fatt li s-sistema maħluqa mir-Regolament IUU ma timponi l-ebda standard tal-UE fuq pajjiżi mhux tal-UE. Minflok, hija sempliċiment tiżgura li dawn jirrispettaw l-impenji tagħhom skont id-dritt internazzjonali, bħala Stati tal-bandiera, tal-port, kostali u tas-suq.

Sabiex tintlaħaq il-mira Nru 14.4 tal-SDG, jiġi eliminat is-sajd IUU u nonoraw l-impenji tagħna skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, huwa fl-interess tal-UE li tippromwovi kemm l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid kif ukoll is-sistema ta' ħruġ ta' karti ta' twissija madwar id-dinja, bħala għodod b'saħħithom fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Dan għandu jkun

[39] L-SFPAs iffirmati mill-UE jorbtu lill-pajjiżi sħab biex jippubblikaw il-ftehimiet bilaterali tagħhom ma' sħab oħra u biex japplikaw prinċipji ta' nondiskriminazzjoni.

akkumpanjat minn sforzi biex jitnaqqsu d-distakki fil-governanza fuq livell reġjonali u dak globali u tiżdied il-kapaċità ta' pajjiżi mhux tal-UE li jiġġieldu s-sajd IUU.

Biex tkompli tittejjeb il-kapaċità tar-Regolament IUU u tal-qafas tal-UE biex jiġi miġġieled u eliminat is-sajd IUU, huwa importanti li s-sistema riveduta ta' kontroll tas-sajd tal-UE tiġi adottata u implimentata malajr. Dan jinkludi d-diġitalizzazzjoni tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni tal-qbid.